MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2010

Avviz Numru. 478/2009

**John u Iris konjugi Sammut**

**vs**

**Philip u Maria konjugi Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors datat is-26 ta’ Novembru, 2009, li permezz tieghu r-rikorrenti konjugi Sammut talbu r-revoka *contrario imperio* tad-digriet ta’ din il-Qorti diversament preseduta datat il-21 t’Ottubru tas-sena 2008;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat ir-risposta tal-intimati konjugi Borg datata l-15 ta’ Dicembru tas-sena 2010;

Semghet it-trattazzjoni tal-intimati;

Tirrileva li l-intimati ma dehrux nonostante li kien hemm diversi appuntamenti ghall-istess;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi permezz ta' digriet taghha in camera datat il-21 t'Ottubru, 2008, din il-Qorti diversament preseduta ppronunzjat ruhha fuq rikors precedentement intavolat mill-intimati odjerni fil-konfront tar-rikorrenti odjerni minghajr ma ordnat is-smiegh tal-vertenza in dizamina;

2. Illi t-termini statutorjament imposti jidhru li gew debitament osservati;

Ikkunsidrat:

Illi f'okkazzjonijiet bhal dawk in dizamina, l-artikolu 166A (5) tal-Kap 9 jirrikjedi li qabel ma tinghata decizjoni gudizzjarja fil-konfront ta' rikors li tkun kolpita bih, din il-qorti ghandha l-obbligu li tappunta l-istess rikors ghas-smiegh fi zmien gimghatejn;

Illi jidher li din il-qorti diversament preseduta ghaddiet ghad-decizjoni taghha fuq ir-rikors originali tal-intimati odjerni minghajr ma ottemperat ruhha ma dan id-dettam, u allura bi ksur tad-drittijiet tal-intimati odjerni;

Ghaldaqstant, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti John u Iris konjugi Sammut u konsegwentement:

1. Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha datat il-21 t'Ottubru, 2008;

2. Bl-ispejjez kontra l-intimati Philip u Maria Borg.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------